MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2004

Numru 271/2004

**Il-Pulizija**
(Spettur Jesmond Borg)
**vs**
**Giovanni Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Giovanni Spiteri ta’ 21 sena, bin Lawrence u Abigail nee’ Hunt, imwieled il-Pieta’ fit-3 ta’ Frar 1983, li joqghod fil-fond numru 9, ‘Peanuts’, Fuq Verdala, Bormla jew numru 2, Sqaq Numru 1, Triq San Mikiel, Bormla u detentur tal-Karta ta’ l-identita bin-numru 0099583 (M).

Talli:-
Nhar it-28 ta’ Marzu 2004 ghall-habta tas-1.30 ta’ wara nofsinhar, minn vettura ta’ l-ghamla Fiat, mudell Punto, ta’ lewn orangjo u bin-numru tar-registrazzjoni:-JBB-065, li kienet tinsab ipparkjata fi Triq Mater Boni Consiglii, Rahal

Gdid, ikkommetta serq ta’ stereo tal-karrozza ta’ l-ghamla Pioneer, mudell DEH-1400R, bin-numru tas-serje: BEPR102391EW, liema stereo jiswa LM90 ghad-detriment ta’ Michelle Mifsud mill-Gudja, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-hin u bix-xorta ta’ haga misruqa u dana bi ksur ta’ l-artikli 263, 269(g), 270 u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkawza hsarat volontarji fuq il-vettura Fiat, mudell Punto, ta’ lewn orangjo u bin-numru tar-registrazzjoni: JBB-065, li kienet tinsab ipparkjata fi Triq Mater Boni Consiglii, Rahal gdid, liema hsara teccedi l-hamsin lira Maltin (LM 50) izda mhux izjed minn hames mitt lira Maltin (LM 500), ghad-detriment ta’ Michelle Mifsud mill-Gudja u dana bi ksur ta’ l-artiklu 325(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli, fl-istess data, hin u lok, kellu fil-pussess tieghu oggetti misruqa jew akkwistati b’qerq u dana bi ksur ta’ l-artiklu 286 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli sar ricediv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta liema sentenzi saru definittivi u talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar it-08 t’April 2002.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi ttrattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti.

Rat li l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrihom u tenna li hu hati wara li l-Qorti fissritlu fil-prezenza tieghu xi tfisser ammissjoni.

Issibu hati.

Rat l-artiklu 261, 263, 270, 271 u 325(b), 49, 50.

Rat wkoll l-artikolu 21 tal-Kapitlu 9 stante li l-akkuzat illum waqqaf familja u qieghed jahdem.

Ghalhekk fil-waqt li ssibu hati tikkundannah tlett xhur prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-akkuzat ghamel that arrest preventiv. Il-Qorti tittama wkoll li l-akkuzat jaghmel il-kura mehtiega ghall-sahhtu. Qed tillibera lill-akkuzat mir-reati that l-artiklu 269(g) u 286 tal-Kapitlu 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------